# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 58**

**Citaz. Nru. 494/2000GV**

**Doc. Nru. 17-01**

**Rita, armla ta' Emanuel Livori, flimkien ma' uliedha Consiglio, Michael u Marija u Josephine Gauci, ilkoll ahwa Livori**

**vs**

**1. Tarcisio Cassar**
**2. Kummissarju Tal-Pulizija**
**3. Chairman Tal-Awtorita' Tal-Ippjanar**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi huma ilkoll proprjetarji tal-fond 'Josilmicmar', Triq is-Suq, Zejtun;

Premess illi l-atturi kollha salv Josephine Gauci jirrisjedu fl-istess fond;

Premess illi l-konvenut Tarcisio Cassar huwa proprjetarju ta' blokk bini adjacenti ghall-fond proprjeta' tal-atturi;

Premess illi minn dan il-fond il-konvenut Tarcisio Cassar qieghed jezercita sengha t'argenterija u inginerija;

Premess illi fl-ezercizzju ta' din is-sengha l-konvenut Tarcisio Cassar jaghmel uzu minn magni industrijali kbar li qed joholqu storbju u inkonvenjent kbir lill-atturi u anke jdamdmu u jhezzu bil-vibrazzjonijiet taghhom il-fond tal-atturi;

Premess illi fl-ezercizzju tal-istess sengha l-konvenut Tarcisio Cassar jaghmel uzu wkoll minn kimici u sustanzi tossici u velenuzi li jimmettu rwejjah u 'fumes' dannuzi ghaz-sahha tal-atturi, fuq kollox tal-attur Michael Livori li jsofri minn kundizzjoni severa ta' azzma u tal-attrici Rita Livori li ssofri minn attakki akuti ta' emigranja kagun ta' incident serju li hija kellha fil-passat;

Premess illi fl-1994 il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ad insaputa tal-atturi kien hareg permess lill-konvenut Tarcisio Cassar sabiex mill-fond 'Twins', Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun jopera numru ta' magni industrijali elenkati fl-imsemmija licenzja, li kopja taghha giet annessa u mmarkata bhala Dok. 'A';

Premess illi l-fond tal-atturi huwa adjacenti ghal blokk ta' bini proprjeta' tal-konvenut Tarcisio Cassar, liema blokk ta' bini jinsab kantuniera u ghandu faccata ghal fuq Triq is-Suq fejn hemm tlett garaxxijiet li jinfdu minn go xulxin, faccata ohra li taghti ghal fuq Vjal il-25 ta' Novembru fejn il-konvenut Tarcisio Cassar ghandu d-dar tieghu, bl-isem 'Twins', filwaqt illi f'din il-binja ghandu wkoll hanut li jinsab skontru fil-kantuniera preciz, liema hanut il-konvenut Tarcisio Cassar jirreferi ghalih bl-isem (mhux ufficjali) 'Twins II';

Premess illi l-bini tal-konvenut Tarcisio Cassar huwa hames (5) filati izjed gholi mill-fond tal-atturi;

Premess illi qabel ma l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hareg l-imsemmija licenzja fl-1994 jirrizulta illi ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti skond il-ligi ghall-hrug ta' permessi inkluz l-otteniment tal-kunsens tal-girien u fil-fatt l-atturi fl-ebda mument ma qatt gew mitluba jiffirmaw dik li hija maghrufa bhala in-neighbour's consent form;

Premess illi l-atturi kienu kitbu dwar dan il-fatt lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' ittra datata l-hamsa (5) ta' Gunju, 1994 (vide Dok. 'B' u 'C');

Premess illi l-atturi ilhom jirrisjedu fil-fond taghhom fuq imsemmi mill-1977 filwaqt li l-konvenut Tarcisio Cassar bena l-fondi tieghu fl-1987;

Premess illi oltre dan l-atturi kienu talbu li jigu istitwiti proceduri ta' natura kriminali kontra l-konvenut Tarcisio Cassar li fil-fatt fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju, 1994 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kien ammetta li kien qed jopera magni industrijali minghajr permess (vide Dok. 'D');

Premess illi fid-dsatax (19) ta' Dicembru, 1994 l-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija wara li rrimarka illi hafna magni kbar li kien hemm fil-fond tal-konvenut Tarcisio Cassar ma kienux intizi biss ghax-xoghol tal-fidda irrakkomanda illi kellha ssir applikazzjoni gdida li tkun tinkludi wkoll l-approvazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u wera wkoll il-fehma illi l-indirizz tal-post fejn instabu l-magni huwa differenti minn dak li fuqu kienet mahruga l-licenzja (vide Dok. 'E');

Premess illi fil-fatt dawn il-magni kienu, u ghadhom, jinstabu fil-garaxxijiet fi Triq is-Suq, u cioe' adjacenti mal-fond tal-protestanti, u mhux fil-fond 'Twins' fi Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun li fuqu inhareg il-permess originali mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija fl-1994 (vide Dok. 'A');

Premess illi l-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar approva l-applikazzjoni tal-konvenut Tarcisio Cassar ghal 'full development permission' fuq l-applikazzjoni numru PA4251/95 mahruga fuq il-fond "Turns House" (li ma jezistix - prezumbilment ried jaqra 'Twins House') fi Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun pero' naturalment "subject to Trading Licence approval from the Police Department";

Premess illi l-atturi, kemm personalment kif ukoll tramite l-konsulenti legali taghhom, kienu ghamlu protestazzjonijiet kemm mal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll mal-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar u kienu anke ressqu l-kaz taghhom quddiem l-Ombudsman;

Premess illi permezz ta' rakkomandazzjonijiet rilaxxjati fis-sbatax (17) t'April, 1996 (vide Dok. 'F') l-Ombudsman kien, prevja dikjarazzjoni illi l-ilment imressaq mill-atturi kien gustifikat, irrakkomanda li jinghata rimedju billi l-Awtorita' tal-Ippjanar tirtira l-approvazzjoni taghha tal-erbgha (4) ta' Dicembru, 1995 u l-Kummissarju tal-Pulizija jizgura li jekk il-konvenut Tarcisio Cassar japplika ghal-licenzja tali applikazzjoni tigi trattata skrupolozament skond l-Avviz Legali Numru XXVIII tal-1991 u r-rakkomandazzjonijiet tal-Police Licence Advisory Board tad-dsatax (19) ta' Dicembru, 1994 u li jizgura wkoll li ma jsirx xoghol li ghalih m'hemmx licenzja valida;

Premess illi minkejja dan fl-1996 il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hareg licenzja a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar biex ikun jista' jzomm hanut tax-xoghol u sabiex jezercita sengha ta' argentier u 'sheetmetal worker' u sabiex izomm diversi magni fil-fond 'Twins II' fi Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun, u dan kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' licenzji mmarkati Dok. 'G' u 'H';

Premess illi cosi facendo l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija agixxa illegalment u abbuzivament stante illi huwa kien jaf, kif jirrizulta mill-fuq premess, illi l-hrug ta' dawn il-licenzji kien se johloq danni u inkonvenjent kbir ghall-atturi;

Premess illi fil-fatt il-konvenut Tarcisio Cassar qieghed izomm dawn il-magni u jezercita s-snajja u l-industriji tieghu mhux mill-fond 'Twins II' fi Vjal il-25 ta' Novembru, izda mill-garaxxijiet illi huwa ghandu fi Triq is-Suq, Zejtun, kontigwi mal-fond residenzjali tal-atturi;

Premess illi anke l-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar bl-approvazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa mill-konvenut Tarcisio Cassar agixxa illegalment u

abbuzivament stante illi l-aprovazzjoni ta' tali applikazzjoni tmur kontra dak li hemm mahsub fl-Att Numru I tal-1992 fil-parti li titratta dwar 'Urban Areas';

Premess illi minkejja diversi azzjonijiet, proceduri, ittri u tentattivi ohra li rrikorrew ghalihom sallum l-atturi sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, dawn ma kellhom ebda ezitu pozittiv, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji:

1. tiddikjara illi l-konvenut Tarcisio Cassar bl-ezercizzju tal-industrija tieghu kif fuq deskritt qieghed jarreka danni kbar u ingenti lill-atturi, liema danni jikkonsistu wkoll, 'inter alia', fid-deprezzament fil-valur tal-fond proprjeta' tal-istess atturi;

2. tillikwida d-danni li l-konvenut Tarcisio Cassar arreka u qieghed jarreka lill-istess atturi, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut Tarcisio Cassar biex ihallas lill-atturi l-imsemmija danni fis-somma kif likwidata;

4. tiddikjara illi l-hrug tal-licenzja numru TL/C/83/96 da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar sar abbuzivament u illegalment u li fil-hrug tal-imsemmija licenzja ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti mil-ligi;

5. tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrevoka l-imsemmija licenzja numru TL/C/83/96 kif ukoll kull licenzja u permess iehor minnu mahruga rigwardanti l-istess sit a favut tal-konvenut Tarcisio Cassar;

6. tiddikjara illi l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ghal zvilupp PA4251/95 interposta mill-konvenut Tarcisio Cassar da parti tal-konvenut Chairman tal-

Awtorita' tal-Ippjanar saret abbuzivament u illegalment u b'nuqqas ta' osservanza tal-istess ligijiet u regolamenti dwar l-ippjanar tal-izvilupp;

7. tikkundanna lill-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jirrevoka l-permess numru PA4251/95 minnu mahrug a favur tal-konvenut l-iehor Tarcisio Cassar;

8. taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha opportuni intizi sabiex jigu protetti u salvagwardjati d-drittijiet tal-atturi.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju intavolat u prezentat kontra l-konvenuti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1999.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 5;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Cassar a fol 45 fejn eccepixxa:

Illi in kwantu jikkoncernaw lill-eccipjenti t-talbiet attrici mhux biss huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt izda addirittura huma l-koncepiment ta' ossessjoni esasperanti, frivoli u vessatorji.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar a fol 68 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament li l-kawza odjerna hi preskritta skond il-ligi u dan b'mod partikolari skond l-art. 469A (3) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond ic-citazzjoni odjerna it-talbiet maghmula kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u cioe' it-talbiet numru 6 u 7 kif dedotti fic-citazzjoni - qed jallegaw li l-istess Awtorita' agixxiet b'mod abbuz u illegali, azzjoni li allura hi regolata skond l-artikolu 469A (1) tal-Kap. 12. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-atturi kienu gew informati

bil-konferma tad-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni il-PA 4251/95 b'ittra datata l-ghaxra (10) ta' Dicembru, 1997 (ara Dok PEM 2 li gie anness mac-citazzjoni).

2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost li din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindika decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar stante li l-atturi kellhom id-dritt li jappellaw quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-istess Awtorita' dwar l-applikazzjoni PA 4251/95, u sussegwentement l-istess atturi setghu jappellaw minn decizjoni ta' dan il-Bord lill-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' ligi decizi mill-istess Bord. Illi jirrizulta li l-atturi naqsu milli jutilizzaw dan id-dritt li taghtihom il-ligi.

3. Illi t-talbiet bin-numri 1,2,3,4 u 5 ma jirrigwardjax l-agir ta' l-Awtorita' imma l-agir tal-konvenuti l-ohra u ghalhekk fil-konfront ta' dawk it-talbiet, l-Awtorita' ma hiex responsabbli. Illi dipiu' l-Awtorita' ma hiex responsabbli ghal hrug ta' premessi jew licenzji da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kuntrarju ghal dak li qed jghidu l-atturi fit-talbiet numri 5 u 6 fic-citazzjoni odjerna, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fl-ipprocessar ta' l-applikazzjoni PA 4251/95 maghmula mill-applikant Tarcisio Cassar, ma ikkommettiet l-ebda abbuz jew illegalita, imma aggixxiet skond il-proceduri stabiliti taht l-Att Numru 1 tan-1992.

5. Illi r-revoka ta' permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar tista' issir biss skond il-proceduri kif stabiliti skond il-ligi b'mod partikolari skond l-Att Numru 1 tal-1992. Illi huma l-istess atturi li naqsu li jutilizzaw ir-rimedji li kellhom skond l-istess ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a fol 78 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet diretti kontra l-eccipjent huma bla bazi guridika jew fattwali in kwantu l-allegazzjonijiet huma bazati fuq kwistjonijiet ta' "buon vicinat" u ma jimpingu xejn fuq l-awtorita' ta' l-eccipjent li dejjem jirrilaxxa licenzja minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tat-terzi.

2. Illi inoltre l-ligi tipprovdi ghal rimedji bhal aditu ghall-bordijiet biex jaghtu parir lill-esponent fil-hrug tal-licenzji u l-atturi ghandhom dejjem il-fakolta li jaghmlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom meta l-licenzji jigu mgedda.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet kollha diretti fil-konfront ta' l-ecccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet l-Avukati difensuri jittrattaw:

**ECCEZZJONI TA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR**

Il-kawza thalliet ghal llum ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Awtorita' ta' l-Ippjanar.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar eccepiet preliminarjament li l-kawza odjerna hija preskritta skond il-ligi u dan b'mod partikolari skond l-artikolu 469(A)(3) tal-Kap. 12 billi qed jallegaw li l-istess Awtorita' agixxiet b'mod abbuzivi u illegali skond l-artikolu 469(A)(1)(b)(iii).

Illi skond it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni, is-sitt (6) u sebgha (7) talbiet biss huma diretti kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. L-atturi f'dawn it-talbiet qed jitolbu li l-Qorti:

*tiddikjara illi l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ghal zvilupp PA4251/95 interposta mill-konvenut Tarcisio Cassar da parti tal-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar saret abuzivament u illegalment u b'nuqqas ta' osservanza tal-istess ligijiet u regolamenti dwar l-ippjanar tal-izvilupp;*

*tikkundanna lill-konvenut Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jirrevoka l-permess numru PA4251/95 minnu mahrug a favur tal-konvenut l-iehor Tarcisio Cassar.*

L-atturi qed jissottomettu li l-artikolu 469(A)(3) tal-Kap. 12 ma japplikax f'dana l-kaz billi skond is-subartikolu 5 hu permess li f'kawzi bhal dawn issir talba ukoll ghal danni, kif fil-fatt l-atturi ghamlu, u ghalhekk billi ghal danni akwiljani japplika it-terminu preskrittiv ta' sentejn, dana l-perjodu m'ghaddiex billi bejn meta harget id-decizjoni fl-ghaxra (10) ta' Dicembru, 1997 u l-prezentata tal-kawza fil-hmistax (15) ta' Marzu, 2000, l-atturi kienu ghamlu protest f'Ottubru, 1999 u ghalhekk interrompew il-preskrizzjoni.

Illi mill-ezami tat-talbiet fic-citazzjoni ta' l-atturi jirrizulta li l-azzjoni ghad-danni hija diretta biss fil-konfront tal-konvenut Tarcisio Cassar u mhux kontra l-konvenuti l-ohra fejn it-talbiet huma biss ghal dikjarazzjoni li sar abbuz fid-decizjonijiet moghtija u talba ghal-revoka ta' dawn id-decizjonijiet. Mhemm ebda talba ghal danni kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

F'dana l-kaz ghalhekk japplika l-artikolu 469A(3) billi l-azzjoni kellha issir entro s-sitt (6) xhur imsemmija f'dana l-artikolu. L-atturi gew infurmati bid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fl-ghaxra (10) ta' Dicembru, 1997 (Dok PEM2) mentri l-kawza giet prezentata fil-hmistax (15) ta' Marzu, 2000 wara li kienu ghalqu s-sitt (6) xhur.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Awtorita' ta' l-Ippjanar tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' l-istess konvenut; bl-ispejjez kontra l-atturi u tiddifferixxi l-kawza ghal-provi ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenuti l-ohra ghat-tnejn (2) ta' April, 2001 fl-10.15 a. m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**